A.L. 156 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Social Work - P.G. Dip. S.W.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Social Work - P.G. Dip. S.W.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut tal-Ħarsien Soċjali;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Postgraduate Diploma;

"l-Istitut" ifisser l-Istitut tal-Ħarsien Soċjali; u

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Social Work - P.G. Dip. S.W.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1995 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-kandidati jistgħu jirreġistraw għall-Kors jekk ikollhom ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor of Arts, bil-Psikoloġija bħala qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju u s-Soċjoloġija (jew l-Istudji Soċjali) bħala qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju; sakemm wieħed minn dawn iż-żewġ oqsma ta' studju jkun qasam ta' studju ewlieni; jew

(b) grad ta' Bachelor of Psychology (Honours), jew l-ekwivalenti, bis-Soċjoloġija (jew l-Istudji Soċjali) bħala qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju; jew grad ta' Bachelor of Psychology bis-Soċjoloġija (jew l-Istudji Soċjali) bħala qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju; jew

(ċ) grad ta' Bachelor of Arts (Honours) fis-Soċjoloġija (jew l-Istudji Soċjali) bil-Psikoloġija bħala qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju matul l-Ewwel Parti tal-kors; u

(d) jissodisfaw il-Bord tal-Valutazzjoni maħtur għal dan il-għan li għandhom il-kwalitajiet meħtieġa għall-ħidma soċjali.

(2) Il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament bil-Psikoloġija bħala qasam ta' studju sekondarju għandhom ikunu meħtieġa jtemmu b'suċċess iż-żewġ taqsimiet studju li ġejjin, jew oħrajn li l-Bord, fuq il-parir tal-Kap tad-Dipartiment tal-Psikoloġija, jikkonsidra bħala ekwivalenti:

Counselling I & II *jew* Helping Skills I & II; u
Psikopatoloġija I.

(3) Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jħalli gradwat fil-Psikoloġija li m'għandux is-Soċjoloġija bħala qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju li jirreġistra għall-Kors, bla ħsara għall-ħtieġa li jissodisfa rekwiżiti addizzjonali matul il-Kors.

(4) Il-kandidati li jkollhom kwalifiki oħra kkonsidrati ekwivalenti għal dawk elenkati fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jistgħu, fuq il-parir tal-Bord, ikunu eżentati minn dawn ir-rekwiżiti kollha jew parti minnhom.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jestendi fuq perijodu ta' mhux-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) F'ċirkostanzi straordinarji l-Bord jista' jħalli studenti, għal raġunijiet validi u suffiċjenti, jestendu l-istudji tagħhom b'sena oħra.

Il-Kors ta' l-Istudji

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f'dan li ġej:

(a) taqsimiet studju, li għalihom huma assenjati mhux inqas minn għaxar kredti;

(b) żewġ pjazzamenti prattiċi, li għalihom huma assenjati mhux inqas minn 10 kredti;

(ċ) proġett jew esej twil, li għalih huwa assenjat mhux inqas minn tliet kredti; u

(d) eżami finali sinottiku.

(2) It-taqsimiet studju għandhom ikunu maqsuma f'żewġ moduli kif ġej:

Modulu 1 - Ħidma Soċjali: Prinċipji, Metodi, Kapaċitajiet
Modulu 2 - Politika Soċjali: Ħarsien Soċjali, Saħħa, Leġislazzjoni.

(3) L-ewwel pjazzament prattiku normalment għandu jsir matul l-ewwel semestru. It-tieni pjazzament prattiku għandu jibda fit-tieni semestru u jkompli sa l-aħħar ta' Settembru.

(4) L-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw għal kull taqsima studju u pjazzament prattiku li jixtiequ jieħdu. Kredtu għandu jingħata fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-progress milħuq fi tmiem l-istudju u l-assenjamenti mitluba.

(5) Katalgu ta' taqsimiet studju, bin-numru tal-kredti assenjati għal kull taqsima studju, għandu jkun ippubblikat mill-Bord qabel il-bidu tal-Kors. Taqsima studju tista' tinkludi, jew tikkonsisti kollha, pjazzamenti prattiċi valutati fejn xieraq. L-istudenti li jieħdu taqsima studju bħal din jistgħu jkunu meħtieġa jiktbu rapporti fuq il-pjazzament prattiku. Il-katalgu għandu jinkludi wkoll il-metodu ta' valutazzjoni għal kull taqsima studju, u liema taqsimiet studju huma pre-rekwiżiti, obbligatorji jew għandhom jittieħdu flimkien.

(6) L-istudenti li jistgħu juru li temmew b'suċċess taqsima studju jew iktar, ekwivalenti għal dawk li jiffurmaw parti minn dan il-Kors, jistgħu japplikaw għal eżenzjoni,
iżda l-istudenti m'għandhomx ikunu eżentati minn iktar minn 20% tal-kredti meħtieġa għall-Kors.

(7) Ħlief bil-permess tal-Bord, l-istudenti ma jistgħux jieħdu ħlief bil-permess tal-Bord taqsima studju li għaliha m'għandhomx il-pre-rekwiżiti jew jieħdu taqsima studju mingħajr ma jieħdu wkoll it-taqsimiet studju li għandhom jittieħdu flimkien skond kif avżat.

Il-Valutazzjoni

6. (1) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond l-iskema ta' ggradar, f'ordni ta' mertu mill-ogħla sa l-inqas: A, B, C, D, u F, fejn F tindika li Weħel.

(2) L-istudenti li ma jġibux xi kredtu għandhom normalment jitħallew jagħmlu riparatorju darba biss. Fil-valutazzjoni mill-ġdid, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa D. Jekk jeħlu fir-riparatorju, għandhom jitħallew jirrepetu t-taqsima studju darba biss. M'għandux ikun hemm riparatorju meta t-taqsima studju tkun ripetuta.

(3) L-eżami finali sinottiku għandu normalment isir f'Ġunju. L-istudenti li jeħlu f'dan l-eżami għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju darba biss.

Eliġibbilita' għal-Postgraduate Diploma

7. (1) Il-Postgraduate Diploma għandha tingħata lil dawk l-istudenti li:

(a) jiksbu minimu ta' 23 kredtu, inkluż il-kredti għaż-żewġ pjazzamenti prattiċi u għall-proġett/esej twil; u

(b) jgħaddu fl-eżami finali sinottiku.

(2) Ir-riżultati finali għandhom ikunu ppubblikati wara t-tmiem u l-valutazzjoni tal-pjazzamenti prattiċi kollha meħtieġa.

(3) Il-klassifika finali għandha tkun ibbażata fuq il-piż kif ġej:

Il-kredti, li jinkludu dawk għall-Pjazzamenti Prattiċi u għall-Proġett jew Esej Twil	60%
L-Eżami Finali Sinottiku	40%

(4) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għal-Postgraduate Diploma għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni.
Għadda.